KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Jannar 7, 2014

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

LAQGĦA TAL-LOKALITÀ 2014

Il-Kunsill fis-sena 2013

Sur Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri, Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, Sinjuri,

Kif jitlob l-Att li twaqqaf il-Kunsilli Lokali, huwa fl-obbligu tal-Kunsill Lokali L-Iklin li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità għar-residenti kollha li isimhom ikun jidher fir-Reġistru Elettorali ta' din il-lokalità biex jingħata rapport dwar l-operat u l-ħidma tal-Kunsill li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2013.

Din hija t-tieni laqgħa annwali li qed issir f'din is-seba' leġiżlatura fejn il-Kunsilli Lokali kienu qed ifakkru l-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex.

## FINANZJAMENT

L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali L-Iklin għas-sena 2013 kienet tlaħħaq Eur220,069 u din l-allokazzjoni għaddiet lill-Kunsill Lokali L-Iklin speċifikament għall-parki, ġonna, u soft areas, l-immaniġġjar tal-iskart, in-nefqa għall-amministrazzjoni, il-manutenzjoni tat-toroq u ammont ieħor allokat għal *tipping fees*. Biex nidħol ftit aktar fid-dettal ta' din l-allokazzjoni, qed nippreżenta dawn iċ-ċifri għall-interess tagħkom biex tifhmu preċiżament fejn u kif qed jintużaw il-fondi mgħoddija lill-Kunsill Lokali L-Iklin mill-Gvern Ċentrali.

Għall-manutenzjoni tat-toroq, il-vot kien ta' Eur78,091;

Għall-immaniġġjar tal-iskart, il-vot kien ta' Eur45,951;

Għall-parki, ġonna, u soft areas, il-vot kien ta' Eur3,329;

In-nefqa għall-amministrazzjoni, il-vot kien ta' Eur78,753;

Għall-*Tipping fees*, il-vot kien ta' Eur13,946;

Għal *tipping fees*, il-vot kien ta' Eur13,946; din l-allokazzjoni tagħmel tajjeb għall-ħlasijiet tat-tipping fees li sal-ġurnata tal-lum għad mhiex biżżejjed biex tkopri l-kontijiet li l-Kunsill jirċievi mingħand WasteServ Malta Ltd. Matul is-sena 2013, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali konxju ta' din is-sitwazzjoni għadda s-somma ta' Eur13,716.00 li jkopru l-perjodu 2009 – 2011 lill-kumpannija WasteServ Limited biex jinqatgħu ftit minn dawn il-pendenzi.

Ma' dan id-dħul jiżdied dħul ieħor li l-Kunsill jiġġenera minn ħruġ ta' permessi għal diversi funzjonijiet differenti l-aktar bħal permessi għal depożitu ta' makkinarju, depożitu ta' materjal ta' bini u oġġetti oħra fit-triq, depożitu ta' skips industrijali, permessi għal twaqqif ta' posta jew kiosks. Dħul ieħor jidħol minn Sejħiet għall-Offerti, u imgħaxxijiet tal-Bank.

Għal sena oħra, il-Kunsill mexxa l-finanzjament b'responsabbiltà kbira u ħadem b'kawtela biex jassigura li jkun jista' jonora l-kuntratti obbligatorji, in-nefqa amministrattiva u l-investiment fuq proġetti kapitali. Minkejja li għad ma sarx l-awditjar għas-sena 2013, nista' naċċertakhom li l-Kunsill jinsab f'qagħda finanzjarja tajba. Fl-istess waqt, il-Kunsill reġa investa f'aktar titjib fejn tidħol l-infrastruttura tal-lokal fejn matul is-sena li għaddiet sar *re-surfacing* u tibdil ta' servizzi fi Triq il-Ħwawar, liema spiża laħqet Eur70,198,16 li jfisser terz tal-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddi l-Gvern Ċentrali f'sena waħda. Naturalment il-Kunsill daħal għal dan il-*commitment* finanzjarju għall-fatt li n-nefqa totali għandha titħallas fuq perjodu ta' tmien snin, taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* bil-għan li titjieb l-infrastruttura fil-lokalitajiet.

**LAQGĦAT**

Fis-sena 2013, il-Kunsill iltaqa' formalment 21 darba. Dan ifisser medja ta' kważi żewġ laqgħat fix-xahar. Il-laqgħat huma pubbliċi, l-avviż tal-laqgħa jidher ukoll fil-ġurnali lokali filwaqt li titpoġġa wkoll agenda fi *notice boards* eżistenti li nsibu fil-lokalità. Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, issir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li hija ntiża biex qabel mal-istess Kunsill jiffinalizza l-*budget* għas-sena kurrenti u l-pjan ta' ħidma għal tliet snin, permezz ta' din il-laqgħa jkun jista' jisma' x'għandhom xi jgħidu r-residenti tal-lokal biex proposti tanġibbli jkunu jistgħu jiġu nkorporati fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill.

Is-sena 2013 kienet iddominata minn laqgħat importanti bil-għan li jiġu ndirizzati numru ta' diffikultajiet biex titjieb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadin.

Saru laqgħat ma' diversi entitajiet tal-Gvern, Ministeri u mal-Awtoritajiet tal-Gvern, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, mall-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġu diskussi *issues* relatati mal-lokal.

Fuq talba ta' numru ta' residenti li jirrisiedu fiż-żona ta' Triq May Butcher, Triq Richard Taylor, u Triq Pawlu Grech, il-Kunsill kien iffissa laqgħa mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-preokkupazzjoni tar-residenti vis-a-vis l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp ta' *fuel station* u faċilitatjiet anċillari. Il-Kunsill Lokali L-Iklin dejjem kien favur ir-resident u sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-istess residenti li jirrisiedu f'din iż-żona. Għaldaqstant il-Kunsill għamel rappreżentazzjoni lill-istess Awtorità billi reġa għal darb'oħra oġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Ir-raġunijiet għal dan l-iżvilupp huma li ż-żona tinsab *Outside Development Zone* kif jikkonferma tajjeb fi Central Malta Local Plan, u fejn l-istess sit huwa ppjanat li jintuża għal skop edukattiv. F'ittra li l-Kunsill bagħat lill-MEPA bid-data tal-15 ta' Marzu 2013, il-Kunsill żamm l-istess pożizzjoni li kien ħa fl-2009 u reġa oġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

Matul is-sena 2013, preċiżament f'Marzu saret l-Elezzjoni Ġenerali u seħħet bidla fl-amministrazzjoni tal-Gvern. Fuq talba tal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi li jġorr il-portafoll tat-Trasport u l-Infrastruttura, bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni biex isir pjan komprensiv, iltaqa' mall-Kunsill Lokali L-Iklin nhar it-3 ta' Ġunju 2013 biex jisma' u jilqa' suġġerimenti mill-Kunsill. Kienet laqgħa kordjali fejn il-Ministru xtaq jisma l-opinjonijiet u suġġerimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu.

Is-Sindku elenka numru ta' xogħlijiet pendenti li l-Kunsill kien qed jaħdem fuqhom flimkien mal-Awtoritajiet konċernati biex jiġu konklużi.

- Ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-tkomplija ta' Triq il-Wied bl-*asphalt* biex tingħalaq l-aħħar fażi ta' din it-triq; it-tkomplija tal-bankini fi Triq Ċensu Busuttil peress li l-ewwel fażi ta' din it-triq kienet saret bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill;
- it-tkomplija tal-proġett ta' Triq May Butcher biex titwessa' t-triq biex titjieb l-infrastruttura u jinħoloq aktar spazju għall-parkeġġ f'dik iż-żona;
- it-twessiegħ ta' Triq il-Ħwawar fil-parti ta' ġewwa, talba għall-esproprijazzjoni tal-art fi Triq Richard Taylor; li tiġi ndirizzata l-problema fi Triq San Mikiel bl-estensjoni tal-bankini (build-outs) li saru mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bil-konsegwenzi li tneħħa l-parkeġġ minħabba restrizzjonijiet; jimbotta l-proċess mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-approvazzjoni tal-pjanti biex isir titjib fl-infrastruttura u abbelixximent ieħor li huma pproġettati mill-Kunsill fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Wied k/m Triq il-Ħwawar, liema finanzjament ġej mill-Urban Improvement Funds mill-Awtorità tal-MEPA;
- proposta lil TM biex tingħata biċċa art fi Triq Pawlu Grech sabiex tiżviluppa f'żona għall-parkeġġ;
- biex isir ameljorament fis-servizz tar-rotta nru. 31 mill-kumpannija Arriva;
- li jkomplu l-konsultazzjonijiet mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-*foreign traffic* li qed jgħaddi minn din il-lokalità.

**REVIŻJONI TAL-PJAN LOKALI**

Fit-22 ta' Lulju tal-istess sena, il-Kunsill Lokali L-Iklin iltaqa' ma' uffiċċjali tal-MEPA dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali. Is-Sindku u l-Kunsillieri ħadu sehem attiv f'din il-laqgħa billi ressqu l-kummenti tagħhom fuq aspetti varji li jikkonċernaw lill-komunità tal-Iklin. Min-naħa tal-Awtorità, issemma li kien hemm bażi eżistenti fuq x'hiex wieħed jista' jiddiskuti, fid-dawl tal-pjan lokali eżistenti li kien ħareġ fl-2006 fejn wieħed seta' jara fejn ħadem u fejn ma ħadimx. Ċertament din l-ewwel laqgħa ta' diskussjoni mall-Kunsill Lokali L-Iklin kienet ser tgħin permezz tal-ideat li għadda l-Kunsill lill-Awtorità fil-kumpilazzjoni tal-Pjan Lokali l-ġdid.

Is-Sindku Anthony Dalli fetaħ id-diskussjoni tiegħu proprju dwar il-bini amministrattiv tal-Kunsill fejn ta *briefing* dwar il-proċess li għadda minnu l-Kunsill f'dawn l-aħħar snin u wera d-diżapprovazzjoni tiegħu u tal-Kunsill preċedenti dwar l-*issue* tal-livelli li ddaħħlet fi Central Malta Local Plan policy li waqqfet il-proċess tal-applikazzjoni.

Min-naħa tal-awtorità, ħareġ il-ħsieb li fil-pjan eżistenti, hemm l-oġġettiv li jinżammu l-ispazji miftuħa u żied jgħid li tista' tiġi studjata l-ideja li jsir ġnien fuq il-*premises* tal-binja tal-Kunsill li jista' jsir permezz ta' diżlivelli biex jintlaħaq l-iskop tal-binja u l-kunċett li jitħalla spazju miftuħ

fejn il-ġnien ikun *interconnected* mal-*premises* l-ġodda. L-uffiċċjal tal-MEPA fehem il-preokkupazzjoni tas-Sindku fejn qal li binja taħt l-art tidher psikoloġikament negattiva u għalhekk tkun tagħmel sens li l-bini amministrattiv tal-Kunsill ikun mibni *partially below* u *partially above* the road.

Fuq dan is-suġġett, kien hemm *mixed views* dwar is-sit propost minkejja deċiżjoni unanima li kienet ittieħdet f'Kunsill preċedenti dwar il-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill elenka punti mportanti għall-attenzjoni tal-Uffiċċjali tal-MEPA sabiex il-lokalità tal-Iklin ma tkunx impattata b'mod negattiv fis-snin li ġejjin:

- Li ma jinbidilx il-karattru tal-lokal;
- Li ma tiġix estiża ż-żona kummerċjali;
- kontroll dwar il-*building height limitations*;
- kontra l-iżvilupp li jinbnew pompi tal-petrol u impjanti oħra ta' riskju għar-residenti. L-Iklin għandu jibqa' jgawdi minn arja nadifa biex niggarantixxu kwalità ta' ħajja lill-komunità.
- Li fil-lokalità tal-Iklin ma jingħatawx permessi għal *business use & light industry* li mhumiex kompatibbli maż-żoni residenzjali.
- Li l-art proposta ftit 'il fuq minn Triq Pawlu Grech tibqa' *earmarked for educational purposes*;
- Li l-MEPA tagħti s-*support* lill-Kunsill u tidħol fil-pjan biex jitneħħa l-*foreign traffic* li jaċċessa mill-qalba tal-Iklin; By-Pass li kienet ipproġettata snin ilu fejn hemm riferenza għaliha fil-Pjan Lokali biex issolvi d-diffikultà tal-*foreign traffic* mill-qalba tal-Iklin;
- Ma jinħarġux aktar permessi ta' bini fi Green Areas u ODZ. Ma jikbirx il-limiti tal-bini.
- Il-Kunsill jinsab sodisfatt bil-pjan lokali eżistenti fiż-żona 'bungalow area'.
- Ma jkunx hemm aktar estensjonijiet ta' żvilupp għal *night life* li b'xi mod jistgħu jaffettwaw il-komunità tal-Iklin.
- L-*area of containment* fil-parti ta' fuq tal-Iklin tkun ikkontrollata;

## AMMINISTRAZZJONI

Il-Kunsill Lokali L-Iklin żamm kuntatt regolari mall-kuntratturi tal-Kunsill u mall-konsulenti tal-Kunsill bil-għan li jingħata l-aħjar servizz lir-residenti tal-lokal. L-amministrazzjoni kienet minn ta' quddiem biex tagħti l-aħjar servizz liċ-ċittadin bid-diversi servizzi li jipprovdi l-Kunsill. L-Uffiċċju amministrattiv iservi bħala *one stop shop* fejn jipprovdi diversi servizzi lir-residenti tal-lokal. Grazzi għat-teknoloġija, il-Kunsill huwa mgħammar b'sistemi li huma *web based* fejn il-klijent jista' jinqeda fi ftit ħin.

L-amministrazzjoni kienet ferm impenjata bid-deċiżjonijiet li ttieħdu fis-seduti tal-Kunsill matul is-sena sabiex l-istess deċiżjonijiet jiġu attwati billi jissarrfu f'xogħol fejjiedi għal-lokalità tal-Iklin. Matul is-sena 2013, l-amministrazzjoni ħadet ħsieb taġġorna l-*Fixed Asset Register*, li fi kliem aktar li jinftiehem huwa l-Inventarju tal-assi tal-Kunsill. Dan seta' jsir bis-servizzi ta' konsulenti professjonali li huma kkuntratti mill-Kunsill biex jinżammu *records* u jkunu aġġornat skont l-*International Financial Reporting Standards*;

Is-Sindku Anthony Dalli żamm kuntatt regolari mal-Uffiċċju biex jassigura li x-xogħol amministrattiv kien miexi b'għaqal, serjetà, u effiċċjenza.

Biex il-proġetti ta' titjib ġew attwati skont timelines stabbiliti, l-Uffiċċju amministrattiv qed jibbaża l-ħidma tiegħu fuq dak li jissejjaħ *5-stage Project Management Process*. B'hekk il-proġetti li jiġu deċiżi fil-Kunsill ikunu jistgħu jitwettqu fil-ħin. Naturalment kien hemm proġetti li ħadu aktar żmien minn dak previst għal raġunijiet varji. Dan il-fatt jiġri meta fi proġett jkun hemm l-involviment ta' *stakeholders* differenti.

Fit-tielet u r-raba' kwart ta' din is-sena, il-Kunsill ħareġ Sejħa għall-Offerti għall-Manutenzjoni u Resurfacing tat-Toroq, għall-Manutenzjoni u bankini ġodda fl-Iklin, Servizz għall-indafa u knis fit-toroq, u nġiebu wkoll Kwotazzjonijiet għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill.

## XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI FIL-LOKALITÀ

Proġett Triq il-Ħwawar – Suċċess

Kif irrimarkajt aktar 'il fuq, il-Kunsill wettaq proġett ieħor ambizzjuz għall-ġid tar-residenti fi Triq il-Ħwawar b'tibdil tal-*main sewer* u l-*house connections* biex imbagħad ingħata wiċċ ġdid bl-asphalt. Dan il-proġett seta' jsir taħt l-iskema tal-Public Private Partnership fejn b'sodisfazzjon ngħid li l-Kunsill solva l-problemi li kien hemm fis-sistema tad-drenaġġ u elimina difetti oħra li kellha l-imsemmija triq peress li kien hemm *areas* li kien iżomm l-għadajjar ta' ilmijiet b'detriment għar-residenti li jgħixu f'din it-triq. Dan jistgħu jikkonfermawh ir-residenti tat-triq.

Fl-ewwel tliet xhur tas-sena, saru xogħlijiet ta' *road patching* fi Triq il-Bruka, Triq iċ-Ċitru, Triq il-Mużika biex tijieb l-infrastruttura. Sar ukoll *extensive patching* fi Triq Ċensu Busuttil u fi Triq Ġeronimo Abos fil-partijiet tat-triq fejn il-wiċċ kien l-aktar difettuż.

Xogħol ieħor ta' titjib li sar a vantaġġ tal-Kunsill Lokali L-Iklin kien proprju xogħlijiet ta' *re-surfacing* fi Triq il-Wied, minħabba l-istat diżastruż li kien fiha din it-triq ikkawżat mill-volum kbir ta' ilmijiet li jinżel u sintendi bl-użu u ż-żmien. Kif ilkoll stajtu tinnutaw, wara pressjoni kbira li għamel dan il-Kunsill mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux il-finanzjament, biex jidħol għal titjib tal-infrastruttura tat-triq li fiha ftit aktar minn kilometru tul. Ingħata 80% bħala wiċċ ġdid mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex b'hekk il-Kunsill naqqas in-numru tal-ilmenti b'mod drastiku. Kif kelli l-okkażjoni ninforma fil-laqgħa annwali tal-lokalità tas-sena 2012, il-Kunsill kien ikkummissjona ditta privata biex isiru żewġ *traffic count surveys* fl-imsemmija triq biex il-Kunsill ikollu statistika u ċertament tgħinu biex ikompli jiddiskuti mal-awtoritajiet konċernati biex titjieb l-infrastruttura. Skont l-istatistika, turi li minn din it-triq jgħaddu mas-66,000 vettura fil-ġimgħa. Dan ir-rapport juri b'mod ċar li l-moviment tat-traffiku li tieħu din it-triq huwa dovut mill-fatt tal-pożizzjoni ġeografika ta' Triq il-Wied u l-*connections* li tgħaqqad ma' toroq oħra. Fadal l-aħħar fażi tat-triq biex tiġi konkluża u l-Kunsill għadu qiegħed jimbotta 'l quddiem il-ħsieb mal-Awtorità konċernata biex jingħata wiċċ ġdid fl-aħħar parti ta' fuq biex tkun konkluża. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun laħaq l-oġġettiv tiegħu għaliex inkunu solvejna l-ilmenti tar-residenti li jirrisiedu fil-madwar.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin investa wkoll f'titjib ta' bankini ġodda bil-materjal tal-*concrete* C20 fi Triq Patri Marjanu Vella, Triq il-Klin, Pjazza Ninu Cremona (fil-parti ta' wara l-Knisja Parrokkjali) u parti minn Triq Stefano Erardi bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin.

Il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza *road markings* fi Triq Ċensu Busuttil u fi Triq Patri Anastasju Cuschieri biex il-parkeġġ ikun organizzat aħjar f'dawn it-toroq. Fi Pjazza Ninu Cremona ġew

allokati 'Keep Clear' bay u 'Blue' bay għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Dan tal-aħħar huwa *communal parking* u jintuża a bażi '*on a first come, first served basis*. Dawn il-parkeġġi kienu approvati mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Sar ukoll xogħol ta' *refreshing* tal-marki eżistenti fuq zebra-crossings, *hatched junction box*, u xogħlijiet oħra relatati.

Matul is-sena 2013, reġgħu inbidlu numru ta' sinjali tat-traffiku f'diversi toroq fil-lokalità minħabba l-*wear & tear*.

## *UPGRADING* TAL-*PLAYINGFIELD* U XOGĦLIJIET OĦRA ANĊILLARI

Il-Kunsill Lokali L-Iklin huwa responsabbli miż-żamma tal-*playingfield* u għaldaqstant reġa investa f'titjib u manutenzjoni oħra fl-istess playingfield biex il-Kunsill ikun *compliant* mal-*istandards* u sabiex nassiguraw li l-*playingifeld equipment* jinżamm fi stat tajjeb u b'hekk jiġu evitati l-inċidenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill kompla jtejjeb l-*istandard* tal-*playingfield* billi kabbar l-*area* bl-*absorbing mats* fejn hemm *Slide equipment* għas-sigurtà tat-tfal li hija prijorità assoluta għall-Kunsill. Il-*playingfield* ġie mgħammar ukoll b'avviżi skont Avviż Legali 493 tal-2011 li ssemmi li t-tipjip huwa pprojbit fil-konfini tal-playingfield. Bħal kull ħaġa oħra li hija esposta għall-elementi, il-Kunsill jagħti attenzjoni massima lill-playingield u għaldaqstant kellu jintervjeni diversi drabi biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl taż-żona. Sar ukoll xogħol ta' titjib fejn hemm l-apparat *Sea-Saw* biex it-tfal tal-komunità jkollhom l-play *equipment* kollu jiffunzjona tajjeb (in good working order).

Il-Kunsill ħaseb ukoll sabiex jinvesti f'*handrail* quddiem l-entratura tal-Knisja Parrokkjali fi Pjazza Ninu Cremona għas-sigurtà tat-tfal li jiffrekwentaw il-knisja, il-katekiżmu, u attivitajiet oħra li jiġu organizzati mill-Parroċċa.

Sar ukoll *review* tal-lampi devoluti lill-Kunsill Lokali fejn ġew installati lampi ġodda fi Triq Ġużeppi Calleja, Triq il-Wied, u ri-lokazzjoni ta' lampi biex il-Kunsill jassigura dawl adegwat fit-toroq. Saru talbiet lill-Korporazzjoni li ma ġewx milqugħa minħabba issues ta' policy filwaqt li fadal talbiet oħra pendenti fejn l-Uffiċċju amministrattiv qed isegwi mall-Korporazzjoni Enemalta biex il-Kunsill jipprovdi l-aqwa servizz lil dan il-lokal.

Xogħlijiet oħra saru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill li jinkludi programm ta' xogħol li jvarja minn xogħlijiet ta' refreshing ta' road markings fit-toroq, manutenzjoni ta' bankini, tindif tal-ispralli tal-ilma tax-xita, *re-instatement works* fit-toroq residenzjali, *service road*, u għaż-żamma tal-*playingfield* u Cactus Garden.

## FONDI MILL-UNJONI EWROPEJA U L-GVERN ĊENTRALI

Kif kelli l-okkażjoni nesmmi fiż-żewġ rapporti amministrattivi tal-2011 u l-2012, il-Kunsill Lokali L-Iklin għadu jibbenifika minn *savings* taħt *The European Agricultural Fund for Rural Development* biex ikompli l-proġett ta' restawr/rikostruzzjoni taħt il-miżura 323 *Conservation and Upgrading of the Rural Heritage*. Ir-riżultati juru li dan l-investiment kompla jtejjeb l-ambjent tal-madwar u ż-żona rurali. Sal-aħħar ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Lokali lesta b'1900 metru f'ħitan tas-sejjieħ

madwar iż-żona rurali tal-Iklin. Fis-sena 2013, saru l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Mikiel u Triq il-Wied li huma estensjoni ta' Trejqet San Mikiel u Triq ir-Razzett l-Aħmar rispettivament. Xogħlijiet oħra fuq restawr tal-ħitan tas-sejjieħ huma ppjanati fi Triq Erin Serracino Inglott u Triq Ġużè Galea li huma wkoll estensjoni ta' ħitan li sar diġa taħt din il-miżura. Il-proġett qiegħed isir taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill li huwa kkuntrattat mill-Kunsill fuq dan il-proġett partikolari. Matul is-sena, attendejt għal numru ta' laqgħat flimkien mall-Perit biex nippreżentaw *Project Progress Report* dwar ix-xogħlijiet.

Dan il-proġett ser jiġi fi tmiem tiegħu lejn l-aħħar tas-sena 2014.

## PROĠETT – SIT TA' SAN MIKIEL

Minkejja numru ta' tentattivi mad-Dipartiment konċernat dwar is-sit ta' San Mikiel, il-Kunsill Lokali L-Iklin għadu jemmen bis-sħiħ f'dan l-iżvilupp għaliex tgawdi minnu l-komunità tal-Iklin. Barra minn hekk, jekk isir dan l-iżvilupp, ser tittaffa d-diffikultà tal-parkeġġ peress li l-istess żvilupp jipprovdi għall-parkeġġ. Wara diversi tentattivi li reġgħu fallew f'din l-aħħar sena dwar dan l-iżvilupp, kien deċiż li għandu jsir appuntament mall-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Michael Farrugia li għandu l-portafoll tal-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva biex id-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ is-Sejħa għall-Offerti.

## SKEMI U PROGRAMMI EDUKATTIVI

Il-Kunsill ma qagħadx lura milli jaħtaf kull okkażjoni sabiex jibbenifika minn skemi li joħroġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-oġġettiv tal-Kunsill kien wieħed ċar f'dan il-qasam: parteċipazzjoni attiva tar-residenti.

Fis-sena 2013, il-Kunsill organizza (4) korsijiet ta' Zumba, (1) kors tal-Pilates, u (2) korsijiet tal-Aerobics taħt l-iskema Attivitajiet Sportivi. L-*instructors* kienu kkwalifikati u assenjati mill-Kunsill Malti għall-Isport. Kien hemm domanda għal dawn il-korsijiet tant li l-Kunsill żied dawn il-korsijiet fuq is-snin preċedenti. Minħabba nuqqas ta' faċilitajiet sportivi f'din il-lokalità, il-Kunsill ħataf din l-opportunità sabiex il-komunità tal-Iklin tieħu l-massimu minn dawn il-korsijiet. Il-Kunsill ried li jippromwovi l-importanza tas-saħħa tal-persuna permezz tal-eżerċizzju fiżiku. Għaldaqstant ma qagħadx lura milli jinvesti f'dawn il-korsijiet li saru għal sena oħra b'suċċess.

Fix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill organizza wkoll sessjonijiet tal-għawm għat-tfal li jattendu fl-għaqdiet tal-lokal. Dawn is-sessjonijiet saru fil-Pixxina Nazzjonali u l-attendenza kienet waħda numeruża.

Teżisti koperazzjoni sħiħa mal-Għaqdiet tal-lokal u ġew organizzati numru ta' attivitajiet soċjali, sportivi, u edukattivi li ttellgħu mill-għaqdiet tal-lokal bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

## ATTIVITAJIET

### Attività li ħalliet il-marka tagħha

L-akbar avveniment tas-sena 2013 fil-lokalità tal-Iklin kienet l-attività mmirata għall-familja kollha, il-Festa tal-Fjuri - *Let nature be your inspiration and colour your word*. Il-Kunsill kien issottometta l-proposta tiegħu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet u l-Bord tal-Evalwazzjoni kien laqa' din il-proposta. Din l-ewwel edizzjoni 'Festa tal-Fjuri' ittellgħet l-Ħadd 19 ta' Mejju fi Triq Ġeronimo Abos fejn il-Kunsill ħoloq ambjent differenti billi abbelixxa t-triq b'siġar indiġeni tul it-triq kollha u *planters* bil-fjuri li taw dehra ferm sabiħa f'din il-ġurnata.

Ma setax jonqos li tingħata prominenza x-xitla tal-Klin li tagħti identità lil dan il-lokal. Matul il-ġurnata kien hemm numru ta' attivitajiet għaddejin fl-istess ħin. Ġew ippreżentati *talks* minn speakers kompetenti fil-qasam tal-ortikoltura. Karatteristika oħra ħelwa waqt din l-ewwel edizzjoni kienet proprju s-sezzjoni 'kitchen garden' fejn kien hemm xorb bnin u ikel li jsir mill-petali tad-diversi pjanti nkluż 'il-klin'. Sintendi fejn jidħol l-ikel u x-xorb, però b'differenza, din is-sezzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-pubbliku li ġie u pparteċipa għal dan l-avveniment.

Ġurnata aninmata u kkulurita bl-attivitajiet li taw il-ħajja lill-attività bl-għajnuna tal-voluntiera tal-lokal li taw l-*input* tagħhom u magħhom Environmental Landscapes Consortium Ltd, Nature Trust Malta, id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard. Fit-tieni parti ta' din l-attività, ġiet organizzata varjetà għal gosti ta' kulħadd fejn il-Kunsill ipprova jilħaq *spectrum* differenti ta' udjenza fejn ġiet imtella' rokna għall-folk tradizzjonali, grupp ta' fin, u s-sehem ta' Banda Żgħażugħa li ferrħet lill-pubbliku preżenti bir-repertorju tagħha. Is-sodisfazzjon tal-Kunsill wara din l-attività kienet proprju l-parteċipazzjoni tar-residenti li jgħixu fi Triq Ġeronimo Abos li wrew *sense of belonging* billi kkoperaw, ħadu l-inizjattiva u iddekoraw it-twieqi, l-galleriji u l-parapetti tagħhom bi xtieli u fjuri friski għal din l-okkażjoni.

Attivitajiet oħra ta' matul is-sena ġew irreġsitrati f'dan ir-rapport:

- Fis-17 ta' Frar, il-Kunsill organizza attività ħelwa għat-tfal fejn sar it-Tberik tal-Annimali.
- Fl-20 ta' Frar, kienet organizzata Jum il-Mara.
- Fid-19 ta' Mejju ġiet organizzata l-ewwel edizzjoni 'Festa tal-Fjuri';
- Fit-28 ta' Ġunju ġiet organizzata Lejla Sajf fi Pjazza Ninu Cremona bis-sehem tal-kantant Jean Luca Bezzina;
- Fl-10 ta' Settembru ġiet organizzata Ħarġa Kulturali ġewwa l-belt Senglea;
- Fl-20 ta' Diċembru ġiet organizzata l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Milied;
- Fit-22 ta' Diċembru ġiet organizzata l-attività 'Ġej il-Father Christmas';
- Fit-27 ta' Diċembru ġie organizzat Party tal-Milied għat-tfal tal-Iklin;
- Fit-28 ta' Diċembru ttella' *Christmas mini Concert* fil-Knisja Parrokkjali Familja Mqaddsa;

**AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Lejn tmiem is-sena, jiġifieri fl-aħħar kwart tas-sena 2013, il-Kunsill Lokali L-Iklin ħatar liż-żgħażugħ Emmanuel Zammit bħala l-Ewwel Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ fl-Iklin. Din id-deċiżjoni ittieħdet b'mod unanima wara li l-Kunsill kien għamel sejħa ta' interess għaż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u taħt it-18-il sena biex jieħdu sehem attiv fil-politika u jwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalità. Is-Sur Zammit kien ikkonfermat bħala l-Ambaxxatur Lokali nhar il-11 ta' Novembru waqt seduta tal-Kunsill. Fl-20 ta' Novembru, proprju fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Emmanuel Zammit kien mistieden li jattendi mas-Sindku Anthony Dalli ġewwa l-Parlament fejn saret id-diskussjoni dwar il-Vot 16.

**20 ANNIVERSARJU TAL-KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

Biex ifakkar dan l-anniversarju, il-Kunsill inawgura plakka kommemorattiva nhar it-23 ta' Diċembru 2013 fi Triq Patri Marjanu Vella.

**GĦELUQ**

Wasalt biex nikkonkludi dan ir-rapport dwar il-ħidma amministrattiva u l-operat tal-Kunsill għas-sena 2013. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri tal-koperazzjoni u l-impenn tagħhom lejn il-Kunsill u r-residenti tal-lokal. Ma' dan inżid l-apprezzament tiegħi lejn l-istaff kollu tal-Kunsill li huwa għodda effettiva biex iċ-ċittadin jieħu l-aqwa servizz u jinqeda fl-iqsar żmien possibbli.

---

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

15.01.2014